Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: British Airways Plc

Konvenut: MF

Domandi preliminari

1) L-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 ([1]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91, għandu jiġi interpretat fis-sens li t-trasportatur tal-ajru li jopera jista' jinvoka wkoll ċirkustanzi straordinarji li ma laqtux it-titjira rriżervata mill-passiġġier iżda – mhux immedjatament – titjira preċedenti fl-istess jum bl-ajruplan li kellu jintuża fil-kuntest ta' sistema ta' rotazzjoni ta' titjiriet għat-titjira li kienet ġiet irriżervata mill-passiġġier?

2) L-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'każ ta' ċirkustanzi straordinarji, "il-miżuri raġonevoli kollha" li għandhom jittieħdu mit-trasportatur tal-ajru li jopera sabiex ma jkunx obbligat iħallas kumpens skont l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 261/2004 għandhom sempliċement ikunu intiżi sabiex jiġu evitati ċ-"ċirkustanzi straordinarji" (f'dan il-każ, l-għoti ta' "Air-Traffic-Control-Slot" ġdid (iktar tard) mill-Awtorità ta' Kontroll taċ-Ċirkulazzjoni tal-Ajru EUROCONTROL); jew it-trasportatur tal-ajru li jopera għandu wkoll jieħu miżuri raġonevoli sabiex jevita l-kanċellazzjoni jew id-dewmien twil bħala tali?

3) Fil-każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel domanda fis-sens li t-trasportatur tal-ajru li jopera huwa obbligat li jieħu miżuri raġonevoli intiżi sabiex jiġi evitat id-dewmien twil, inkwantu tali, l-Artikou 5(3) tar-Regolament Nru 261/2004 għandu jiġi interpretat fis-sens li sabiex ma jkunx obbligat iħallas kumpens skont l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 261/2004, meta t-trasport tal-passiġġieri jkun qiegħed isir fil-kuntest ta' rotta tal-ajru komposta minn żewġ titjiriet (jew iktar), it-trasportatur tal-ajru li jopera għandu sempliċement jieħu miżuri raġonevoli intiżi sabiex jevita d-dewmien tat-titjira li huwa stess għandu jopera u li hija suġġetta għall-possibbiltà ta' dewmien; jew għandu wkoll jieħu miżuri raġonevoli sabiex jevita li passiġġier partikolari jkun suġġett għal dewmien twil fid-destinazzjoni finali tiegħu (pereżempju, billi jivverifika jekk huwiex possibbli li jibdel ir-reżervazzjoni tal-passiġġier sabiex jivvjaġġa permezz ta' titjira oħra)?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-cour d'appel de Paris (Franza) fil-15 ta' Ottubru 2018 – A vs Daniel B, UD, AFP, B, L

(Kawża C-649/18)

(2019/C 4/20)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Cour d'appel de Paris

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: A

Konvenuti: Daniel B, UD, AFP, B, L

Domanda preliminari

Il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi dwar il-kwistjoni jekk il-leġiżlazzjoni Ewropea, b'mod partikolari

— l-Artikolu 34 TFUE,

— id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 85c tad-Direttiva Ewropea 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (emendata) ([1]),

— il-klawżola ta' suq intern tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni għall-kummerċ elettroniku ([2]),

tippermettix lil Stat Membru tal-Unjoni jimponi, fit-territorju tiegħu, fuq l-ispiżjarja ċittadini ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni, regoli speċifiċi li jirrigwardaw:

— il-projbizzjoni ta' tfittix tal-klijentela permezz ta' proċeduri u ta' metodi meqjusa bħala kuntrarji għad-dinjità tal-professjoni skont l-Artikolu R 4235-22 attwali tal-Kodiċi Franċiż tas-Saħħa Pubblika?

— il-projbizzjoni ta' inkoraġġiment tal-pazjenti għal konsum abbużiv ta' prodotti mediċinali skont l-Artikolu R 4235-64 attwali tal-Kodiċi Franċiż tas-Saħħa Pubblika?

— l-obbligu ta' osservanza tal-prattiki tajba ta' distribuzzjoni tal-prodotti mediċinali ddefiniti mill-awtorità pubblika tal-Istat Membru, filwaqt li hija meħtieġa, barra minn hekk, l-inklużjoni ta' kwestjonarju dwar is-saħħa fil-proċess ta' ordni ta' prodotti mediċinali online u huwa pprojbit l-użu tar-referenzjar imħallas, skont id-Digriet attwali tat-28 ta' Novembru 2016 tal-Ministru (Franċiż) għall-Affarijiet Soċjali u għas-Saħħa?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 69.
([2]) Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 25, p. 399).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Administrativen sad Haskovo (il-Bulgarija) fit-18 ta' Ottubru 2018 – SZ vs Mitnitsa Burgas

(Kawża C-652/18)

(2019/C 4/21)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

Qorti tar-rinviju

Administrativen sad Haskovo

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: SZ

Konvenuta: Mitnitsa Burgas

Domanda preliminari

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 1889/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar kontrolli ta' flus kontanti dħlin fil-Komunità jew ħerġin mill-Komunità ([1]) u tal-Artikolu 49(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali, bħal dik li tinsab fl-Artikolu 20(1) tal-Valutnen Zakon (il-Liġi dwar il-Munita), li, għal ksur tal-obbligu ta' dikjarazzjoni previst fl-Artikolu 3 tal-imsemmi regolament, minbarra l-impożizzjoni ta' multa kriminali taħt l-Artikolu 18(1) tal-Liġi dwar il-munita ta' bejn BGN 1 000 u 3 000, tipprevedi wkoll, bħala sanzjoni kumulattiva, il-konfiska sħiħa tal-flus mhux iddikjarati, irrispettivament mill-oriġini u mid-destinazzjoni tagħhom?

([1]) ĠU 2005, L 309, p. 9.